**Eżami għad-Dħul fl-Ewwel Sena tal-*Junior Lyceum***
**2001**

# RELIĠION

Il-kandidati huma mħeġġa biex jiktbu pulit u mingħajr żbalji.

## A. Agħżel l-aktar tajba

1. L-10 ta' Frar hija ġurnata importanti għall-Maltin għax tfakkarna (meta twieled Dun Mikiel Xerri, fl-ikbar xita li qatt għamlet, meta bdiet il-knisja f'Malta, meta miet l-ewwel Malti fil-gwerra).
2. Nuri li naf il-kelma t'Alla meta (nħobb, nagħraf, nfittex, nweġġa') lil kulħadd.
3. Ir-Randan iħejjina biex nieħdu sehem (f'ikla tajba, fil-festa tal-Milied, fil-purċissjoni, fir-rebħa ta' Kristu fil-mewt).
4. Il-ħajja kollha tagħna għandha tkun bħal talba waħda ta' mħabba lejn (il-ħolqien, Alla, il-festi, il-ġenna).
5. Fil-qrar nuru li tassew jiddispjaċina (għall-morda, għall-midinbin, għal dnubietna, għall-fqar).
6. Meta noffendi lil xi ħadd, għandi nitlob (karità, maħfra, Ewkaristija, lill-qaddisin).
7. Fl-Aħħar Ċena Ġesù waqqaf ukoll is-sagrament (tal-Magħmudija, tal-Ġriżma tal-Morda, ta' l-Ordni Sagri, taż-Żwieġ).
8. Ġesù tana l-Ispirtu s-Santu biex (jibqa` magħna, biex insiru sinjuri, biex jagħtina l-għajxien, ma mmutux).
9. Naqraw siltiet mill-Bibbja (biex nitgħallmu naqraw, għax inħobbu l-istejjer twal, fl-ewwel parti tal-quddiesa, darba biss).
10. Ġesù qal, "Jien hu l-ħobż ħaj li niżel mis-sema" (biex juri li kien ħaj, biex ifisser l-Ewkaristija, biex ifaħħar il-furnara, għax kellu l-ġuħ).

(10 marki)

## B. Aqra u wieġeb

Peter huwa tifel wiċċu bin-nemex, xagħru kollu nokkli u ftit imbaċċaċ. Jilbes in-nuċċali. Tgħidx kemm jixraqlu! Peter huwa tifel kwiet, maqtugħ għalih waħdu.
Xi ġimgħa ilu, waqt li Peter kien qed jara xi tfal jilagħbu, Mark u Ryan, żewġt itfal fl-istess klassi tiegħu, resqu lejh biex jgħaddu siegħa żmien bih. Bdew jinkuh li hu oħxon u li għandu n-nuċċali.
Peter ma ħax gost, iżda pprova ma jagħtix kashom. Meta ż-żewġ subien l-oħra ndunaw b'dan, ixxuttjaw il-ballun ġo fih u weġġgħuh.
Peter avżahom li kien ser jugżahom lill-għalliema. Kif Mark u Ryan semgħuh jgħid hekk, heddewh li jekk jugżahom huma kienu ser isawtuh.
Peter kien ilu jissapportihom, iżda din id-darba qabad u mar jgħid lill-għalliema. Mark u Ryan indunaw u għalhekk iddeċidew li jpattuhielu. Sabuh wara li spiċċat l-iskola u bdew jagħtuh bis-sieq u bil-ponn.
Peter wasal id-dar imbenġel u bid-demm ħiereġ minn imnieħru.

1. Semmi żewġ affarijiet tajba li għamel Peter.

   ______________________________ ______________________________

2. Semmi tliet affarijiet ħżiena li għamlu Mark u Ryan.

   ___________________ ___________________ ___________________

3. Bħala nisrani tajjeb, kieku int kont Peter, x'kont tagħmel l-għada x'ħin tara lil Mark u lil Ryan?____________________________________________________________

   ____________________________________________________________

4. X'taħseb li kellhom jagħmlu Mark u Ryan wara li weġġgħu lil Peter? Għaliex?

   ____________________________________________________________

   ____________________________________________________________

5. Kif taħseb li Ġesù jridna nġibu ruħna ma' sħabna?

   ____________________________________________________________

   Illum Ġesù ġie fil-*break* magħkom… ikteb ħames affarijiet li Ġesù jieħu pjaċir jara waqt il-logħob.

6. ___________________
7. ___________________
8. ___________________
9. ___________________
10. ___________________

(10 marki)

## Ċ. Imla l-vojt b'dan il-kliem

L-Iben, Il-Magħmudija, Il-quddiesa, L-Għid, Amen, missierna, missjunarji, tat-Trinità Qaddisa, xbieha, knisja

1. Ġesù ħalla t-tmexxija tal-______ f'idejn il-Papa u l-Isqfijiet.
2. Lil Alla nsejħulu _______għax Ġesù għamilna wliedu.
3. ______ t'Alla sar bniedem minn Marija bl-għajnuna ta' l-Ispirtu s-Santu.
4. ___________ ddaħħalna għall-ewwel darba fil-Knisja.
5. It-talb tagħna nispiċċawh bil-kelma ________ għax nemmnu li dak li tlabna se jsir.
6. __________ huwa l-aktar festa importanti fil-ħajja tal-Knisja.
7. Nitolbu għall-__________ li qed jaħdmu biex ixandru l-Evanġelju u ngħinuhom..
8. Il-ħajja tagħna trid tkun il-mera _________.
9. ____________ hija l-akbar talba li nistgħu nagħtu lil Alla.
10. Alla lilna ħalaqna __________ tiegħu.

(10 marki)

## D. Agħżel l-10 tajbin li jgħidulna xi ħaġa dwar il-Madonna u iktibhom taħt.



1. Omm Ġesù u ommna wkoll.
2. Tfajla umli minn Nazaret.
3. Kienet taf kollox.
4. Tressaqna lejn Ġesù.
5. Sofriet ma` Ġesù għalina.
6. Kellha ħafna tfal.
7. Tieħu ħsiebna.
8. Għexet f'għar il-Mellieħa.
9. Meħudha s-sema bir-ruħ u l-ġisem.
10. Obdiet lil Alla f'kollox.
11. Twieldet fl-għar ta' Betlem.
12. Qatluha b'sikkina ġo qalbha.
13. Twieldet bla dnub.
14. Tgħinna għax tħobbna.
15. Ġiet Malta ma` San Pawl.
16. Ġesù jisma` t-talb tagħha.
17. Qajmet lil Lazzru mill-mewt.
18. Hija Alla.
19. Kienet tgorr ħafna.
20. Lill-Madonna nsemmuha fit-talba tal-Glorja.

1. ______________________________ 6. ______________________________
2. ______________________________ 7. ______________________________
3. ______________________________ 8. ______________________________
4. ______________________________ 9. ______________________________
5. ______________________________ 10. ______________________________

(10 marki)

## E. Uri li taf xi jfissru dawn il-kelmiet billi tikteb sentenza fuqhom.

1. Qaddis ____________________
2. Salm Responsorjali ____________________
3. Randan ____________________
4. Epifanija ____________________
5. Appostolika ____________________
6. Qrar ____________________
7. Kalċi ____________________
8. Jum il-Mulej ____________________
9. Liturġija tal-Kelma ____________________
10. Quddiesa ____________________

(10 marki)

## F. Immarka Tajjeb jew Ħażin

| | T | Ħ |
|---|---|---|
| 1. Il-ħolqien ifakkarni fil-kobor t'Alla. | | |
| 2. Jiena għandi nħobb biss 'il dawk li jħobbuni. | | |
| 3. Għandi dejjem infaħħar l-isem t'Alla. | | |
| 4. Mhux sewwa li niġġieldu. | | |
| 5. Tajjeb li jiena ngħin lil kulħadd. | | |
| 6. Meta xi ħadd iweġġagħni għandi naħfirlu. | | |
| 7. Il-verità m'hemmx isbaħ minnha. | | |
| 8. Kull ma jidher fuq it-T.V. huwa tajjeb. | | |
| 9. Indiema tfisser jiddispjaċini li offendejt lil Alla bi dnubieti. | | |
| 10. Biex nirċievi lil Ġesù fit-tqarbin għandi nkun ħabib ma' kulħadd. | | |

(10 marki)

## Ġ. Kompli

**Alla tana:**

1. Il-familja biex ____________________
2. Il-Knisja tiegħu ____________________
3. Is-saċerdot ____________________
4. Lil Ibnu Ġesù ____________________
5. Il-ħbieb ____________________
6. L-għasafar ____________________
7. Id-dinja ____________________
8. Ir-ruħ ____________________
9. Ġisimna ____________________
10. Il-kelma tiegħu ____________________

(10 marki)

## G. Imla l-vojt u kompli din it-talba:

| tama ,Sultana, għajnejn, ingħajtu ,ħlewwa, pija, turufnament, tturufnati, ġuf, Avukata |
|---|

Sliem għalik_______, omm tal-ħniena ħajja _______ u _______ tagħna, sliem għalik, Lilek ___________għaliex aħna __________ wlied Eva, Lilek nitniehdu, aħna li nibku u nolfqu f'dan il-wied tad-dmugħ. Ejja mela ____________tagħna, dawwar lejna dawk l-__________ tiegħek tal-ħniena, u wrina, wara dan it-________________, lil Ġesù, frott imbierek tal-_____ tiegħek. O ħanina, O______, O ħelwa Verġni Marija.

(10 marki)

## Għ. Ġesu jwaqqaf l-Ewkaristija



Fl-Aħħar Ċena, Ġesù ħa l-ħobż u bierku. Imbagħad tah lid-dixxipli tiegħu u qal: "Ħudu u kulu, dan hu Ġismi li jingħata għalikom." Wara li kielu, ħa l-inbid u qal: "Ixorbu minnu lkoll, dan hu l-kalċi ta' demmi, id-demm tal-Patt li jibqa' għal dejjem, li ser jixxerred għalikom u għall-bnedmin kollha għall-maħfra tad-dnubiet. Agħmlu dan b'tifkira tiegħi."

Il-ħobż issa ma baqax aktar ħobż għalkemm fid-dehra baqa' jidher hekk. Issa kien sar il-Ġisem tiegħu. L-inbid, għalkemm baqa' jidher kif kien, issa kien sar Demmu. Din il-bidla tal-ħobż u l-inbid fil-Ġisem u d-Demm ta' Ġesù hi misteru tal-fidi. L-appostli ma fehmux. Imma kienu jafu li Ġesù kellu setgħa kbira.

Żmien twil qabel, Ġesù kien wiegħed li min jiekol ġismu u jixrob demmu jkollu l-ħajja ta' dejjem, u Ġesù nnifsu jqajmu mill-mewt fl-aħħar jum. Dak in-nhar ħafna minn dawk li semgħuh telquh għaliex ma setgħux jifhmuh. L-appostli wkoll sabu kliemu tqil ħafna. Imma huma baqgħu miegħu għax kienu jafu li Ġesù kellu l-kliem tal-ħajja ta' dejjem. Fl-aħħar Ċena raw x'ried jgħid. Huma fehmu li hu kien qed jikkmandahom biex ikomplu jagħmlu dak li għamel Hu b'tifkira tiegħu. B'hekk huma saru l-qassisin tar-Rabta l-Ġdida.

1. X'sar mill-ħobż meta Ġesù qal "Dan hu Ġismi"?

   ________________________________________

2. X'sar mill-inbid meta Ġesù qal " Dan hu Demmi"?

   ________________________________________

3. Għaliex nemmnu li dawn il-bidliet iseħħu verament?

   ________________________________________

4. X'wiegħed Ġesù lil min jitqarben?

   ________________________________________

5. Għaliex il-quddiesa hi l-aktar talba importanti ta' qima u tifħir lil Alla?

   ________________________________________

6. Għaliex immorru l-quddies nhar ta' Ħadd?

___________________________________________

7. Kif għandna nitħejjew biex nirċievu l-Ewkaristija (it-tqarbin)?

___________________________________________

8. X'insejħulha l-mejda li fuqha l-ħobż u l-inbid isiru l-Ġisem u d-Demm ta' Ġesù?

___________________________________________

9. Min għandu s-setgħa jibdel il-ħobż u l-inbid fil-Ġisem u d-Demm ta' Ġesù?

___________________________________________

10. Ikteb talba għal wara t-tqarbin tibda hekk:

    *Għażiż Ġesù, Grazzi li ġejt fija dalgħodu. Nixtieq ngħidlek kemm inħobbok! Nixtieq nitolbok tgħin lill-ħabib tiegħi. Agħmel Ġesù li…*

    ___________________________________________

    ___________________________________________

    ___________________________________________

(10 marki)

## H. Aqra sewwa din l-istorja.
## Wieġeb il-mistoqsijiet li hemm warajha.

### <u>Iċ-ċelebrazzjonijiet ta' Lejlet il-Milied.</u>



Fil-bidu tas-seklu, l-ispirtu veru tal-Milied nisrani kien qawwi ħafna f'Malta. Dun Ġorġ ried li aħna lkoll nirringrazzjaw lil Kristu li sar bniedem għalina.

Madwar is-sena 1921, Dun Ġorġ ried jagħmel purċissjoni bil-Bambin lejlet il-Milied. Kienet idea oriġinali. Ħafna ma kinux lesti għaliha. Il-kelma ġriet u ħafna nies bdew ġejjin bil-fanali. Xi wħud ġabu fanali tal-gass fuq ir-roti. Xi soċi tal-museum ġabu friegħi tal-palm u tiżjin tal-Milied.

Wieħed soċju żamm il-Bambin f'idejh. It-tfal kantaw għanjiet tradizzjonali Maltin tal-Milied (carols). In-nies kollha tal-Ħamrun ħarġu jaraw il-purċissjoni.

Kienet suċċess kbir. Ta' kull sena n-nies bdew jistennew il-purċissjoni ta' Lejlet il-Milied mill-Membri tas-Soċjetà. Illum saret użanza tradizzjonali Maltija tal-Milied. Fil-pajjiżi fejn hemm l-emigranti Maltin u fejn hemm is-Soċjetà, bdiet dieħla wkoll din l-użanza.

Dun Ġorġ ried jagħti presepju bil-Bambin lil kull tifel u tifla biex ifakkar lil kulħadd li l-Milied hu festa reliġjuża. Kien jixtieq li f'kull familja jkun hemm presepju.

**Mistoqsijiet.**

1. X' infakkru fil-Milied? ______________________________
2. X'ikantaw it-tfal fil-purċissjoni tal-Milied? Semmi żewġ għanjiet tal-Milied (carols).

   ______________________________

3. Għaliex Dun Ġorġ ried jagħti presepju lil kull tifel u tifla? ______________________________

   ______________________________

4 Il-Milied hu festa reliġjuża. Semmi żewġ użanzi nsara tal-Milied.

   1. ______________________ 2. ______________________

5. Dun Ġorġ hu meqjum fost il-Beati. Għaliex il-Knisja tqim lill-qaddisin?

   ______________________________

6. Kif nistgħu nkunu bħal Dun Ġorġ? ______________________________

   ______________________________

   ______________________________

7. X'jisimha s-Soċjetà li waqqaf Dun Ġorġ?

   ______________________________

8. Kif wera Dun Ġorġ li kien xhud ta' Kristu?

   ______________________________

   ______________________________

   ______________________________

9. F'liema data niċċelebraw il-Milied?

   ______________________________

10. Semmi persuna Maltija oħra li hi meqjuma mal-Beati.

   ______________________________

(10 marki)